KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 5**

**It-Tlieta, 1 t'Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 05.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**05.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 05.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 04)

**05.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 04.

**05.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 04 ġew approvati unanimament.

## 05.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**05.03.01** *Loġistika għal Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal-loġistika ta' Jum Birżebbuġa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €5,577.86. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**05.03.02** *Laptop ġdid għall-impjegata l-ġdida tal-Kunsill*:Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet sabiex jinxtara laptop għall-impjegata l-ġdida tal-Kunsill. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €989. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**05.03.03** *Monitor ġdid għall-impjegata l-ġdida tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet sabiex jinxtara monitor għall-impjegata l-ġdida tal-Kunsill. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €119. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

*Fil-17:35 ngħaqad il-Kunsillier Darren Mark Debono.*

## 05.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**05.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti briefing fuq il-laqgħa li kellu ma' IM. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li kien hemm laqgħa mas-CEO l-ġdid ta' IM il-ġimgħa li għaddiet. Huma tkellmu rigward proġetti li ilhom biex isiru ġewwa Birżebbuġa u li għadhom pendenti. Huwa qal li rigward il-fetħa ta' Triq ir-Raddiena se jinżel il-perit ħalli jara x'hemm bżonn. Semma wkoll li saret talba biex jinfetħu xi toroq, fosthom Triq Mons. Spir Penza, sqaq fi Triq il-Ġurġier, u l-biċċa ta' Triq il-Port Ħieles. Rigward Triq il-Port Ħieles huwa semma li filgħodu ltaqa' mal-perit ta' IM fuq il-post fejn min-naħa tagħha se tagħmel talba biex it-triq tibqa' nieżla għal Triq G. Galizia u Triq in-Noqra però l-perit infurmatu li din se tieħu ż-żmien billi hemm diżlivell kbir. Tkellem ukoll dwar il-biċċiet ta' toroq li għadhom ma tkomplewx bħal Triq il-Barrieri u Triq Dun Ġorġ Zammit, li ma kinux saru ħabba l-bini, iżda issa jistgħu jitkomplew. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-ġimgħa d-dieħla se ssir laqgħa billi l-Enemalta se jgħaddu cable mill-Freeport sal-Qajjenza, il-WSC se jibdew il-proġett tax-xatt fejn dawn se jinżlu 5 metri fond u l-cable jibqa' sejjer ix-xatt kollu sa Triq il-Port Ħieles. Qal ukoll li l-WSC għandhom proġett ieħor li jibda minn nofs Triq Żaren Dalli sal-Qajjenza, però għal dan il-proġett għad ma ħariġx it-tender. Barra minn hekk hemm proġett ieħor in-naħa ta' Triq il-Marniżi fejn hemmhekk ukoll se jingħadda cable mill-Enemalta. Il-

Kunsillier Alex Caruana semma wkoll li għaddejja diskussjoni magħhom biex l-istorm water pendenti li hemm fi Triq Tal-Ġebel, Triq Birżebbuġa u dak ta' Triq Ta' Feliċjan isiru mal-istess xogħlijiet. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li l-jum ta' qabel saret l-ewwel laqgħa biex tittieħed deċiżjoni ta' kif se jitqassmu x-xogħlijiet, minn liema bnadi se jinbeda x-xogħol u liema entità se tibda l-ewwel. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li se ssir laqgħa ma' TM rigward l-immaniġġjar tat-traffiku minħabba dawn ix-xogħlijiet li se jsiru.

*Fis-17:50 ngħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**05.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jagħti briefing fuq xi affarijiet min-naħa tiegħu. Il-Kunsillier Karel Zahra qal li qed jiġi propost WhatsApp channel sabiex dan ikun mod ieħor ta' kif il-Kunsill Lokali jwassal informazzjoni lir-residenti li jgħixu fir-raħal. Fuq din il-proposta kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsillier Karel Zahra jaħdem fuq din l-inizjattiva.

**05.04.03** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li filgħodu ltaqa' mad-Direttorat tal-Gvern Lokali fejn tkellmu fuq id-diġitalizzazzjoni. Semma li dawn se jkunu qed joħorġu tender dis-sena sabiex sal-2025 jaraw li jkun hemm applikazzjoni waħda għal dawn is-servizzi. Huwa semma li għalissa se nistennew lid-Direttorat sabiex nimxu miegħu.

**05.04.04** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li qed jipproponi li l-proċedura tal-Facebook posts m'hemmx għalfejn tgħaddi għand is-Sindku qabel din tiġi ppostjata. Huwa semma wkoll li rigward l-uffiċjali ECO jinżamm infurmat il-pubbliku qabel dan jiġi fis-seħħ.

**05.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra qed jipproponi li l-Kunsill joħroġ leaflet informattiv ta' madwar 8 paġni A5 għar-residenti dwar il-ħidma tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jaqbel mal-proposta u biex nippruvaw li dan ikun ippubblikat għal Diċembru 2024. Hu talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jaħdem fuq din l-inizjattiva.

**05.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li saret laqgħa, flimkien mal-Kunsilliera Rohasia Zammit, mal-familja tal-mibki Joseph Zammit. Huwa semma li l-familja aċċettat li tingħata rikonoxximent u kien hemm qbil li ssir lapida fi Ġnien l-Indipendenza. Huwa tenna li jrid jinstab artist jew supplier sabiex jiġi identifikat il-post ta' fejn se titpoġġa din il-lapida.

**05.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana kellhom laqgħa mal-kuntrattur tax-xogħol infrastrutturali u l-perit, fejn daru l-akkwata ta' Triq Ta' Feliċjan li hija mimlija terrapien. Huwa semma li din tista' titnaddaf u jsir parkeġġ ħdejn Triq Belle Isle. Huwa qal ukoll li mistennija tintbagħat kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

**05.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-ġimgħa l-oħra tkellmu mad-dipartiment li jieħu ħsieb il-community workers fejn ġie mwaqqaf wieħed minn dawn il-ħaddiema wara li beda jġib imġiba ħażina u nuqqas ta' rispett lejh u lejn is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, kif ukoll beda jaqla' l-problemi mal-ħaddiema l-oħra, u għalhekk intalab sabiex dan il-ħaddiem jiġi trasferit b'mod immedjat. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex jintbagħat ħaddiem ieħor minfloku. Id-dipartiment għandu jinforma lill-Kunsill hekk kif ikun hemm xi ħadd disponibbli. Il-Kunsillier Alex Caruana rrimarka li, jekk hu possibbli,

il-kunsilliera jiġu infurmati meta jkun hemm xi tibdil fil-ħaddiema. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dan kien każ ftit sensittiv u xtaq li jiġi diskuss waqt seduta tal-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li xorta kien ikun ideali li jiġu infurmati minn qabel.

## 05.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**05.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar rapporti ta' rwejjaħ fl-inħawi ta' Hal Far. Huwa xtaq jiċċekkja dwar jekk:
a) hemmx informazzjoni dwar l-applikazzjoni li saret mis-sidien tal-fabbrika f'Jannar li għadda;

b) din ġietx approvata u implimentata, u jekk nistgħux niċċekkjaw mal-WSC jekk humiex qed jistennew problemi fid-drenaġġ, speċjalment waqt li jsiru xogħlijiet fl-inħawi tal-Bajja s-Sabiħa;

ċ) din ġietx approvata u implimentata u sabiex nikkonfermaw jekk il-proċedura dwar l-immaniġġjar tad-drenaġġ hux se tibqa' kif kienet;

d) kienx hemm irwejjaħ rappurtati fl-aħħar sitt xhur, fiż-żmien li l-fabbrika kienet magħluqa.

Is-Sindku Scott Camilleri wieġbu li min-naħa tal-ERA, dawn jisħqu li n-nies għandhom iċemplu fuq il-helpline u kif ukoll tista' timtela formola mill-Kunsill sabiex il-konsulent ambjentali tal-Kunsill idaħħalha dirett fis-sistema tar-rappurtaġġ tal-ERA. Huwa qal li dis-sena ilu jistaqsi mis-sajf jekk daħlux ilmenti u l-konsulent ambjentali vverifika li ma daħlux rapporti. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Kunsill Lokali se jkun qed ikompli jsegwi l-problemi ta' rwejjaħ li ġew rappurtati fl-aħħar jiem u se jkun qed jikteb lill-ERA sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema għal din il-problema.

**05.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar rapporti ta' ħsejjes mill-Freeport. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill Lokali għandux aċċess għar-rapporti tal-ħsejjes li ġew reġistrati fl-aħħar xhur, u jekk bħala Kunsill Lokali nistgħux nenfasizzaw sabiex in-nies jerġgħu jibdew jużaw dis-sistema. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fix-xhur li ġejjin se jsir studju ieħor biex jiġi studjat l-impatt tal-Freeport, f'termini ta' ħsejjes, fl-inħawi ta' Birżebbuġa. Dan qed isir biex nifhmu kemm l-aħħar sett ta' miżuri meħuda huma effettivi. Huwa saħaq li huwa importanti li meta jkun hemm ħsejjes 'il fuq min-norma, dawn jiġu rappurtati. Il-Kunsillier Karel Zahra talab sabiex ikollu kopja ta' dan l-istudju li sar mill-Kunsill Lokali.

**05.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar l-inizjattiva Slow Streets (AKL 2024/056) dwar Vjal Kulħadd. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill Lokali kienx wieħed mill-kunsilli li daħlu għall-proġett Slow Streets u jekk dan huwa minnu, għandhom jingħataw dettalji dwar il-proġett li ġie pjanat. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill Lokali qatt ma daħħal proġett ta' Slow Street.

## 05.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**05.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Settembru fuq il-mejda tal-kamra.

**05.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma l-laqgħa annwali fejn qal li wara li sar il-business plan, issa jmiss li nitkellmu mar-residenti dwar il-proġetti li se jsiru għal dawn il-ħames snin li ġejjin. Id-data għal din il-laqgħa se tkun nhar l-Erbgħa, 30 t'Ottubru 2024, fil-17:30, ġewwa l-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**05.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fl-aħħar ta' Settembru għalaq il-ftehim li kellna dwar is-sessjonijiet tal-fitness li jsiru mill-Kunsill. Huwa staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk jaqblux li l-ftehim jiġġedded sal-aħħar tas-sena, fejn se jkun bl-istess rata li kellna qabel. Sadanittant se tinħareġ ukoll sejħa t'interess għal dawn is-sessjonijiet. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li jiġġedded il-ftehim.

**05.07 Korrispondenza**

**05.07.01** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li qed jiġi suġġerit li ż-zebra crossing fiż-żona ta' Cabo Terrace ma tkunx fit-tarf. Huwa qed jispera li TM jaċċettaw zebra crossing f'dik it-triq billi diġà kien hemm applikazzjoni għal zebra crossing oħra iktar 'il fuq li ma ġietx aċċettata minn TM. Il-kunsilliera preżenti qablu sabiex imexxu ma' TM.

**05.07.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li l-Kunsill Lokali se jkun qed jieħu sehem fil-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart. Dan se jsir billi se titnieda kompetizzjoni għal riċetti li jinkludu fdalijiet ta' ikel mill-ġranet ta' qabel, li mbagħad se jiġu inklużi f'pubblikazzjoni żgħira. Dettalji għal din il-kompetizzjoni ser jitħabbru aktar 'il quddiem.

**05.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Edwardu fejn dawn qed joġġezzjonaw bil-qawwa t-telqa li hemm madwar il-lido u n-nuqqas ta' parkeġġ li dan l-iżvilupp ġab miegħu f'dawn l-aħħar 6 snin minħabba bankina temporanja. Huma qed jitolbu biex din tiġi għall-istat li kienet u jitneħħa dan l-inkonvenjent. Is-Sindku Scott Camilleri qal li billi hemm ukoll problema kbira ta' ġrieden, il-Kunsill qed jieħu ħsieb jitfa' l-kaxxi tal-ġrieden. Rigward il-bankina temporanja huwa staqsa lill-Kunsillier Alex Caruana jekk tistax issir zebra crossing u titneħħa l-bankina. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ma tkunx idea tajba billi biż-zebra crossings jiżdied iktar it-traffiku. Huwa semma wkoll li l-awtorità responsabbli hija l-PA u għalhekk din l-istess entità trid tmexxi. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jibgħat email formali lill-BCA, u rigward tindif se jikkomunika mal-Cleansing.

**05.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**05.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet mozzjoni fl-24 ta' Settembru 2024, bis-suġġett *Kreazzjoni ta' bust ta' Jake Vella – Atleta Lokali minn Birżebbuġa*. Huwa qara l-kontenut ta' din il-mozzjoni, li qed tiġi proposta mis-Sindku Scott Camilleri u sekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttil. Huwa semma li l-Kunsill Lokali ġie mitlub min-naħa tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, li se jkunu inkarigati li jieħdu ħsieb il-loġistika u jiffinanzjaw dan il-bust, biex formalment tkun approvata permezz ta' mozzjoni quddiem il-Kunsill. Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

**Favur** 8 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Fuq din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu.

## 05.09 Traffic management plan tal-Qajjenza

**05.09.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar it-traffic management plan tal-Qajjenza. Huwa semma li trid issir roundabout biex min ikun tiela' minn Triq FM Ferretti jkollu jnaqqas il-veloċità. Huwa semma li billi l-imsemmija triq hija one-way se jitħalla l-aċċess biex f'każ li jkun hemm crane fi Triq il-Fossili ma tiġix blokkjata l-Qajjenza, għalhekk tinfetaħ Triq FM Ferretti u tiġi two-way. Huwa semma wkoll li fix-xatt tal-Qajjenza se jsiru 3 humps sabiex titnaqqas il-veloċità tal-karozzi. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa approva dan il-master plan ġdid għall-immaniġġjar tat-traffiku fil-Qajjenza. Dan ser jinkludi miżuri ta' traffic calming fi Triq il-Qajjenza, karreġġjata fi Triq Għar Dalam għall-karozzi li ser jaqsmu lejn il-Qajjenza, roundabout bejn Triq FM Ferretti u Triq il-Fossili, u proġett ta' tħaddir ġewwa Triq FM Ferretti. Dan il-pjan jinkludi wkoll proposta għal bandli Triq Herakles. Dan il-pjan se jiġi mgħoddi għall-approvazzjoni ta' Transport Malta, u kif ukoll lil Infrastructure Malta bħala parti mill-proġett ta' Vjal Kulħadd.

## 05.10 Slipway tal-Qajjenza

**05.10.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar is-slipway tal-Qajjenza fejn semma li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa approva pjanta għal slipway ġdida fi Triq il-Qajjenza, li se ssir ftit 'l hinn mill-bajja tar-ramel il-ġdida. Dan qed isir bi qbil ma' IM.

## 05.11 Ġnien Profs. Anton Tabone (Skema SPI/SCI/9/2022)

**05.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa għandna fond ta' €64,733.99 li ħadniehom mill-iskema biex intejbu l-bandli ta' San Ġorġ, fejn ftit tax-xhur ilu ntalbet estensjoni sa Diċembru 2024 però dan il-proġett mhuwiex se jitlesta sad-data estiża. Huwa staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk jaqblux li dan il-proġett jerġa' jiġi estiż sal-aħħar ta' Ġunju 2025. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 05.12 Jum Birżebbuġa 2024

**05.12.01** Il-bord iltaqa' nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru, fis-18:00 fis-sala tal-Kunsill Lokali fejn kien hemm preżenti s-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsillier Karel Zahra, il-Kunsillier Ivan Abela Grech, is-Sur Joe Debattista (membru indipendenti), u s-Sa Laura Cunningham (membru indipendenti).

*Hawnhekk il-membri tal-Kunsill irrisolvew ruħhom f'kumitat sabiex jiġu diskussi l-persuni nominati għar-rikonoxximenti u Ġieħ Birżebbuġa wara li ġew evalwati mill-bord tal-għażla.*

**05.12.02** Il-lista finali ta' kif se jkunu qed jingħataw dawn ir-rikonoxximenti se tkun qed tiġi moqrija fis-seduta li jmiss. Il-Kunsill Lokali approva r-rapport tal-għażla tar-rikonoxximenti kif ukoll intgħażlet, mill-membri tal-Kunsill Lokali, il-persuna li se tingħata Ġieħ Birżebbuġa. Il-persuni se jkunu qed jiġu premjati nhar is-Sibt, 5 ta' Ottubru, waqt ċerimonja li se ssir fil-Qajjenza.

## 05.13 Sejħa għal Uffiċjal Eżekuttiv

**05.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri ressaq proposta sabiex tinħareġ sejħa għall-grad t'Uffiċjal Eżekuttiv minħabba l-volum ta' xogħol. Din is-sejħa se tkun waħda interna u li

mhu se tkun qed tiżdied l-ebda persuna ġdida. Il-kunsilliera preżenti qablu li tinħareġ sejħa għal din il-kariga bis-salarju jkun imħallas mill-fondi tal-Kunsill.

**05.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash**

*Skeda ta' pagamenti:*

**05.14.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda ta' pagamenti.

*Petty cash:*

**05.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondata mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**05.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**05.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:20 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal-laqgħa pubblika ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ottubru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024.**

**IFFIRMATA**

______________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

______________________

**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*